TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 195

KAZ NRU 259

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Anthony Polidano
u
Messrs Hard Rock Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 13 ta' Novembru, 1984

Chairman: Major S J A Clews MBIM, MIPM.

1. INTRODUZZJONI

a. Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lill dan it-Tribunal b'ittra tal-25 ta' April, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976 il-kwistjoni tax-xoghol fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant qed jallega li kienet ingusta.

b. It-Tribunal zamm hames seduti. L-appellant kien assistit mis-Sur Paul Bartolo, filwaqt li ghall Messrs Hard Rock Co Ltd dehru s-Sur Gulian Agius u s-Sur Roberto Montaldo, Diretturi ta' l-istess kumpanija, li kienu assistiti mis-Sur Alfred Mallia Milanes, Konsulent Industrijali.

2. STATEMENTS OF CASE

a. Ghall-Appellant gie sottomess lis-Sur Anthony Polidano kien jahdem bhala Assistant Cook ma Hard Rock Co Ltd. bejn it-13 ta' Ottubru, 1981 u t-2 ta' April, 1983 meta gie mkecci ghar-raguni ngusta u mhux skond il-ligi. Is-Sur Polidano xaghrejn qabel l-1 ta' April, (il-Gimgha l-Kbira) talab lis-Sur Julian Agius biex jiehu dik il-gurnata leave sabiex jerfa il-vara fil-processjoni tal-Gimgha l-Kbira, Hal-Luqa. Is-Sur Agius qal li kollox sew u li Polidano seta jiehu dik il-gurnata leave.

Peress li mhux l-ewwel darba li s-Sur Agius rega lura minn kelmtu, Polidano enfasizza ghall aktar minn darba mas-Sur Agius illi din id-darba l-kelma iva trid tibqa iva minhabba li l-Appellant ried imur jaghti kelma ta' ragel li se jerfa fil-vara. Skond Polidano is-Sur Agius rega qallu li kollox sew. Gara izda li s-Sur Agius ma zammx kelmtu. Erba tijiem qabel l-l ta' April, 1983, is-Sur Agius qal lis-Sur Polidano li fl-l ta' April, Polidano kellu jidhol ghax-xoghol ghax ma setghax jaghtih leave. L-Appellant qal lis-Sur Agius li issa ma jistax jirranga ghaliex kien diga ikkommetta ruhu mal-kappillan, izda biex ma jinqalax inkwiet offra li jekk isib iehor jidhol ghax-xoghol. Fil-fatt iehor ma nstabx u Polidano ma marx ghax-xoghol fil-Gimgha l-Kbira bejn is-6.00 p.m. u l-11.00 p.m., ghaliex fl-istess gurnata fil-ghodu hu dahal u qabel telaq rega qal lis-Sur Agius li mhux ser jidhol fil-ghaxija minhabba li kien bil-leave. L-ghada, it-2 ta' April, l-Appellant kien marid u ghamel certifikat tat-tabib u anke certifikat tal-'bidu' tas-Sigurta Nazzjonali. Fil-fatt is-Sur Polidano mar ghax-xoghol fil-ghodu u ghall habta tat-3.00 p.m., is-Sur Agius qallu li bhal ma ghaddew minghajru nhar il-Gimgha jistghu jghaddu minghajru kuljum. Is-Sur Agius kien qal ukoll lill mara tas-Sur Polidano meta cemplitlu li r-ragel taghha marid, li zewgha jista ma jmurx aktar ghax-xoghol. Pero, is-Sur Polidano, it-Tlieta 5 ta' April 1983 mar ghax-xoghol u kif dahal sab ruhu mkecci. Is-Sur Polidano ukoll innega li qatt xewwex il-haddiema, kif kiteb is-Sur Agius fuq ic-certifikat. Is-Sur Polidano qatt ma kellu xi 'warning' la bil-fomm u lanqas bil-miktub fuq xi nuqqas u dejjem qeda d-dmirijiet tieghu lejn il-kumpanija. Ghalhekk l-Appellant qal illi t-tkeccija kienet ingusta u li l-Kumpanija thallas il-paga ta' LM43 fil-gimgha u d-drittijiet kolla Socjali dovuta l-Appellant ghall-perijodu mit-2 ta' April 1983 sal-25 ta' Lulju, 1983, peress li l-Appellant beda jahdem ma ditta ohra fis-26 ta' Lulju, 1983.

b. <u>Il-Kumpanija Messrs Hard Rock Ltd</u> issottomettiet illi l-impieg tas-Sur Anthony Polidano gie terminat fit-2 ta' April, 1983 wara sensiela shiha ta' incidenti u nuqqasijiet serji, illi

minkejja li l-kumpanija kienet avzat lill Polidano minn gimgha qabel li fil-jum tal-Gimgha l-Kbira kellu jirrapporta ghax-xoghol, Polidano qalilhom li hu ma kienx ser jigi ghax-xoghol 'jkunu xi jkunu l-konsegwenzi'. Fil-fatt Polidano sfida l-ordni legittima tal-kumpanija u ma rrapportax ghax-xoghol f'dak il-jum. L-ghada tal-Gimgha l-Kbira (2 ta' April 1983) Polidano mar fir-restaurant fil-ghodu u shabu kkonfermawli li l-jum ta qabel ir-restaurant kien 'fully booked'. Fil-ghaxija Polidano cempel lill kumpanija u qallhom li kien ma jiflahx u mhux gej xoghol. Il-kumpanija qalet ukoll li Polidano kien qieghed konsistentement johloq b'mod l-aktar malizzjus firda bejn l-impjegati u d-diretturi b'xnieghat foloz. Illi minkejja li gie mwissi ghall diversi drabi l-Appellant baqa jistieden persuna tas-sess oppost fil-kcina, liema persuna kellha diga nkwiet ma zewgha u bir-ragun kollu d-diretturi ma riedux jigu mplikati f'xi nkwiet li relazzjoni bhal din setghet tohloq. Illi ukoll Polidano rrifjuta ghall xaghrejn shah ikellem u jircievi ordnijiet mic-Chef Instructor, is-Sur Robert Montaldo, li huwa ukoll wiehed mid-diretturi. Il-kumpanija ezawreit il-pacenzja umana kollha biex Polidano jibdel l-attegjament irresponsabbli u arroganti tieghu, izda kien kollu ghal xejn.

3. XHIEDA

a. Ghall-Appellant

i. Is-Sur Arthur Miceli - Administrative Officer, Dipartiment tax-Xoghol.

ii. Is-Sur Joseph Xuereb - ex-Waiter, Hard Rock Co Ltd.

iii. Is-Sur Mario Dalli - ex-Waiter, Hard Rock Co Ltd.

iv. Is-Sur Anthony Polidano - L-appellant.

b. Ghall-Kumpanija

i. Is-Sur Anthony Agius - kien jaghmel ftit xoghol fir-Restaurant.

ii. Is-Sur Robert Montaldo Chef Instructor, Direttur Hard Rock Ltd.

iii. Is-Sur Giuliano Agius - Direttur Hard Rock Co Ltd.

4. XHIEDA GHALL-APPELLANT

i. Is-Sur Arthur Miceli, Administrative Officer tad-Dipartiment tax-Xoghol, ikkonferma li s-Sur Polidano mar irrraporta li kien gie mkecci mill-kumpanija Hard Rock Ltd fit-2 ta' April, 1983.

ii. Is-Sur Joseph Xuereb, ex-Waiter Hard Rock Ltd, ma ftakar xejn u t-Tribunal innota tahwid shih fix-xhieda tieghu. Innota wkoll li s-Sur Xuereb ammetta li l-Appellant mar id-dar ta' Xuereb ftit qabel ma dan ta l-ahhar ta' x-xhieda tieghu. Ghalhekk it-Tribunal xejn ma jista jaghti kredibilita lill dan ix-xhud.

iii. Is-Sur Mario Dalli, ex-Waiter Hard Rock Ltd, qal li waqt li hu kien jahdem il-Hard Rock qatt ma semgha lis-Sur Polidano ixxewwex jew xewwex lill haddiema bejniethom. Is-Sur Dalli ftakar li gieli Polidano lmenta fuq it-tips u s-Sur Gulian Agius qallu 'Int m'ghandekx x'taqsam mat-tips u jekk trid itlob zieda fil-paga.'

iv. Is-Sur Anthony Polidano, l-Appellant, qal li kien impjegat mal-Hard Rock Ltd, bhala Asst. Chef bejn it-13 ta' Ottubru, 1981 u t-2 ta' April, 1983. F'dan iz-zmien qatt ma kellu xi jghid mad-Diretturi jew il-haddiema. Hu qal li dejjem obda l-ordnijiet tas-Sur Robert Montaldo, ic-Chef Instructor, li kien ukoll Direttur. Qal li qatt ma xewwex lill hadd kontra hadd, jew gelled lis-Sur Montaldo kontra s-Sur Agius. Dwar il-gurnata leave tal-Gimgha l-Kbira, qal li kien applika xaghrejn qabel u s-Sur Agius kien qallu: 'Ma ghadux kmieni wisq?' Polidano irrisponda: 'Veru, imma trid tavza xaghrejn qabel jekk thunx sa terfa jew le'. L-ghada s-Sur Agius qallu li jista johodha il-gurnata tal-Gimgha l-Kbira. Ikkonferma wkoll li kien ha permess ghall gurnata leave ghad-Duluri, imma erba tijiem qabel il-Gimgha l-Kbira is-Sur Agius qallu 'Ton ma nistax naghtihilek'. Polidano irrisponda li sejjer jaghmel kull mezz li jsib lill haddiehor biex jerfa imma jekk ma jsibx kien ikollu jerfa bil-fors. Dwar il-fatt li kien iffirma qabel biex talab il-leave

tad-Duluri u ma kienx iffirma ghal-leave tal-Gimgha l-Kbira, Polidano irrisponda li gieli ma kienux jiffirmaw. L-Appellant qal li s-Sibt fil-ghodu (l-ghada tal-Gimgha l-Kbira) dahal ghax-xoghol u fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar, is-Sur Agius qallu "X'gejt taghmel hawn, mur, itlaq la ma gejtx il-bierah ma ghandiex bzonnok..." Meta mar id-dar fil-ghaxija qabdu dahru jugghu. Hu ghamel certifikat tat-tabib u ark̈e certifikat tas-Sigurta Nazzjonali. Dwar it-tahrika li kellu mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati, qal li sitt xhur wara li tkecca rceva din it-tahrika imma waqt li kien impjegat mal-Hard Rock qatt ma kellu warnings, la bil-fomm u langas bil-miktub. Dwar il-mara li kienet tidhol fil-kcina l-appellant qal li forsi kienet xi wahda mit-tfajliet tal-Barbone, bieb ma bieb mar-Restaurant fejn kien jahdem Polidano, u hadet tazza kafe' maghhom.

5. XHIEDA GHALL-KUMPANIJA

i. Is-Sur Anthony Agius, ziju tad-Direttur Giulian Agius qal li kultant kien jaghmel ftit xoghol fir-Restaurant bi pjacir u bla hlas. Ikkonferma li fl-4 ta' April, 1983 (l-ghada ta' l-Ghid), Polidano mar id-dar tas-Sur Agius u ghamel xi sitt sieghat xoghol tat-tibjid u hallsu haq li spejjes.

ii. Is-Sur Roberto Montaldo, Chef Instructor u fl-istess hin Direttur tal-kumpanija, qal li Polidano kien jahdem mieghu bejn Novembru 1981 u Gunju 1982, u mil-ewwel beda bit-trouble - beda jaghmillu investigazzjonijiet, jiccekjalu minn fejn jixtri. Qal li kien ixxewwex kontra tieghu. Hu qal li kien jiehu vantagg mill-hbiberija li kellu ma Giulian Agius. Kien jghid li hu (Robert Montaldo) kien jahseb ghall rasu. Polidano telgha l-Qorti u nstab hati u gie kkundannat ghall amenda ta' LM5 bl-ispejjes. Is-Sur Montaldo qal li gieli pprova jaghtih warnings, imma s-Sur Polidano qatt ma kien lest li jaccetta. Dwar il-kaz tal-Gimgha l-Kbira, x-xhud ikkonferma li s-Sur Agius qallu li ma setax jiehu l-Gimgha l-Kbira, imma mhux talli ha l-Gimgha l-Kbira imma l-ghada s-Sibt dahal fil-ghodu u langas

kellem lis-Sur Montaldo u fis-2.30 p.m. mar fuq is-Sur Agius u qallu: 'Jien tlaqt'. Fil-ghaxija cempel 'sick' meta kien jaf li r-restaurant kien busy hafna. Is-Sur Montaldo hass li din kienet vendikazzjoni. Dwar il-kaz li l-Appellant kien dahhal xi mara fil-kcina, is-Sur Montaldo qal li din saret darba fil-presenza tieghu minghajr permess.

iii. <u>Is-Sur Giulian Agius</u>, Direttur tal-Kumpanija Hard Rook, spiega li ghal kemm hu Direttur jaghmel ix-xoghol li jkun hemm bzonn - kemm fil-kcina u kemm fir-restaurant. Qal li Polidano ghal bidu kien 'part timer'. Ghall kemm kienu hbieb u johorgu flimkien bdiet kwistjoni fuq 'tips'. Il-waiters kienu jiehdu tips, imma tal-kcina ma kienux. Is-Sur Agius qal li Polidano kien ixxewwex kontra Roberto Montaldo. Fuq il-kwistjoni tal-leave tal-Gimgha l-Kbira ix-xhud qal li l-Appellant applika lilhu ghax dak iz-zmien ma kienx qed ikellem lill Montaldo - xaghrejn qabel - ghad-Duluri u l-Gimgha l-Kbira. Is-Sur Agius qallu li d-Duluri jista johodha u gieghlu jiffirma ghaliha, imma tal-Gimgha l-Kbira qallu 'skond ix-xoghol'. L-ghada tad-Duluri l-Appellant staqsa lis-Sur Agius fuq il-leave tal-Gimgha l-Kbira u s-Sur Agius irrisponda 'impossibbli ghax hemm hafna xoghol'. Is-Sur Polidano baqa jhedded li se johodha xorta u fil-fatt hekk ghamel. L-ghada dahal ghax-xoghol fil-ghodu u wara nofs in-nhar cemplet il-mara tieghu biex tinformah li hu weggha dahru u kien 'sick'. Is-Sur Agius qal lill Mrs Polidano: 'Ghidlu (lill Polidano) li jekk ma jigiex ghax-xoghol il-lejla u ghada, jista ma jigiex ghax-xoghol izjed.' Is-Sur Agius ikkonferma li kien ra mara li kienet tahdem f' restaurant bieb ma bieb tidhol hdejn is-Sur Polidano, u Ingliza li kienu jidhlu "ta' spiss". Qal li kien tah warnings bil-fomm kemm il-darba.

6. <u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI</u>

a. <u>L-Appellant Anthony Polidano</u> sostna li x-xhieda kollha wrew illi kellu ragun meta stqarr li ma kienx hemm raguni gusta ghat-tkeccija tieghu. Intwera kemm id-Diretturi lanqas kellhom kontroll fuq l-impjegati taghhom. Fuq il-kwistjoni

tal-leave l-Appellant sostna li dan kien gie approvat minn zmien twil qabel u ghalhekk wara li l-kumpanija hassrulu l-leave l-Appellant ma setax jirranga, kif qal il-kappillan permezz ta' ittra tieghu li giet ipprezentata lit-Tribunal. Fuq il-kaz ta' mara fil-kcina, is-Sur Polidano qal li fil-fatt din il-mara kienet semplicement qeda tieghu kafe' u xejn aktar. Din li storja giet imxejna u spiccat fix-xejn. L-appellant kompla biex qal li fuq is-sentenza tal-Qorti li kellhu jhallas LM5 amenda, wiehed irid jiftakar sewwa li Polidano langas biss kien jaf li gie mharrek ghaliex ic-citazzjoni saret fit-30 ta' Mejju, 1983 kwazi xaghrejn wara li Polidano tkecca. Ghalhekk fl-opinjoni ta' l-appellant, it-Tribunal m'ghandux jaghti kaz ta' din is-sentenza ghaliex din saret barra z-zmien ta' dan il-kaz. Barra minn hekk is-sentenza ma kienetx dwar tixwix, izda dwar ingurja lill persuna u mhux lill-kumpanija. Is-Sur Polidano sostna li huwa bniedem ta l-affari tieghu, serju u fuq kollox bniedem tal-familja. Sostna wkoll li fil-kaz ta' leave kien marbut b'kuntratt ta wieghda religjuza biex jarfgha f'vara tal-Gimgha l-Kbira.

b. Il-Kumpanija Hard Rock Ltd, sostniet li l-Appellant ma ressaqx provi biex jikkonvinci lit-Tribunal li qatt kellhu permess biex hu jiehu jum il-Gimgha l-Kbira leave. Hija ndiskutibbli li z-zmien meta jinghata l-leave hija prerogattiva assoluta tal-Management u l-ezigenzi tax-xoghol jigu l-ewwel. Polidano kien kapriccuz u rresponsabbli meta sfida lill Management bil quddiem meta qalilhom li ma kienx ser jirrapporta xoghol f'dak in-nhar tal-Gimgha l-Kbira 'jkunu xi jkunu l-konsegwenzi'. Dan ukoll wara xitwa shiha b'nuqqas ta xoghol, u r-restaurants jkunu qed jistennew bil-herqa l-ewwel caqliqa ta' l-istagun tal-Ghid. Fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati il-kumpanija qalet li s-Sur Polidano instab hati ghaliex ingurja lill-Roberto Montaldo billi allega li dan kien jixtri minn ghand certi suppliers ta' Kolina Restaurant biex jakkwista ghall skopijiet personali. Fuq l-akkuza li l-appellant kien qed jistieden mara fil-kcina, il-kumpanija qalet li kienet ghamlita cara lill appellant ghall bosta drabi illi l-kcina kienet biss ghall

'authorised personnel'. Fuq il-'warnings' il-kumpanija sostniet li ssaportiet l-appellant izzejjed l-agir negattiv u rresponsabbli tieghu bhala kumpanija zghira ma rrikorritx ghal xi proceduri formali ta' dixxiplina izda ppruvat twiddbu bis-sistema patrijarkali taghha ta' kumpanija zghira b'gestjoni familjari u wzat il-hniena u l-kelma t-tajba. Il-Kumpanija qalet li anke r-rappresentant tal-Appellant stageb bil-pacenzja fit-tul li hadet il-kumpanija bl-Appellant. Bl-ahhar incident huwa ssorpassa kull limiti tal-pacenzja umana u ghalhekk il-kumpanija kellha tghidlu 'issa daqshekk.' L-ommissjonijiet tieghu kienu varji, spissi u repetuti minkejja twiddib bil-fomm ghall bosta drabi. Is-Sur Polidano abbuza mill-generosita tal-Management.

7. <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

Wara li semgha u studja bir-reqqa kbira dak kollu li qalu x-xhieda bil-gurament, studja ukoll id-dokumenti kollha, li Statements of Case u Final Submissions, it-Tribunal josserva;-

i. Dan il-kaz irid jigi meqjus fl-ambitu ta' negozju zghir fejn id-Diretturi, Managers u li staff jahdmu flimkien bhal grupp wiehed. Ghalhekk it-Tribunal jaghraf il-fatt li fil-waqt li s-Sinjuri Giulian Agius u Roberto Montaldo jahdmu bhala Diretturi tal-Hard Rock Ltd, dan ta l-ahhar kien ukoll is-Senior Chef filwaqt li s-Sur Agius, kif qal hu stess: 'Nahsel l-art, nahsel il-platti, nidhol fil-kcina, waiter ...... kollox li jkun hemm bzonn.'

ii. F'dan il-kuntest, ghalhekk, kien hemm hbiberija kbira bejn l-Appellant u s-Sur Agius, u t-Tribunal innota li kull meta s-Sur Polidano kellu xi problemi, bhal fuq it-tips, huwa dejjem avvicina lis-Sur Agius, u ma kienx qed jaghti kaz lis-superjur immedjat tieghu, is-Sur Montaldo.

iii. Mill-provi migjuba quddiem it-Tribunal, is-Sur Polidano pprofitta ruhhu minn din il-hbiberija u m'hemmx dubbju li d-Diretturi wrew hafna pacenzja bl-atteggjament ta' l-appellant.

.../9

Tant hu hekk li waqt il-kontro ezami tas-Sur Agius, ir-rappresentant ta' l-Appellant pogga din id-domanda:- 'Issoportejtuh hafna, kontu umani hafna, possibbli proprju f'dik il-gurnata tal-Gimgha l-Kbira, meta dan ried imur jerfa b'wedgha, possibbli li l-umanita meta ghandna nuruha, m'urejtuhiex?'

iv. It-Tribunal ma jistax jaccetta l-atteggjament tas-Sur Polidano meta dan insista li jiehu 'off' fil-Gimgha l-Kbira anke jekk ried jiehu sehem fil-processjoni tal-villagg ghaliex fiz-zmienjiet ta' l-Ghid ix-xoghol tal-'catering' huwa vitali hafna ghall business, iktar u iktar meta huwa ta' grupp zghir.

v. It-Tribunal innota wkoll li s-Sur A Polidano kompla gharraq is-sitwazzjoni meta mar ghax-xoghol l-ghada filghodu tal-Gimgha l-Kbira meta rrapporta li ma jiflahx wara nofsinhar meta kien jaf li r-restaurant kellu hafna 'bookings' ghall fil-ghaxija ta' Sibt il-Ghid.

vi. Fl-istess hin it-Tribunal innota li s-Sur A Polidano pprovda certifikat tal-mard li kien ikopri l-perijodu bejn it-2 sal-5 ta' April, 1983, izda kien tajjeb biex fil-4 ta' April, 1983 imur jaghmel xoghol ta' tibjid fid-dar tas-Sur Anthony Agius.

vii. Waqt l' ~~d~~-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati hija ta' importanza kbira u taghti dawl fuq il-mod kif kien jimxi Polidano, waqt li l-kaz tal-mara fil-kcina forsi gie esegerat, fl-ahhar minn l-ahhar, il-mod kif l-appellant sfida l-kumpanija fuq il-kwistjoni tal-leave kienet irresponsabbli, specjalment fl-ambjent tax-xoghol tal-catering u turismu f'gurnata tal-Ghid.

viii. It-Tribunal jixtieq jaghti twissija serja lill-Appellant li kien mar id-dar ta wiehed mix-xhieda qabel ma dan tah ix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal. B'hekk hu stess tefa dawl ikrah fuq il-kredibilta ta' dan ix-xhud.

.../10

8. AWARD

Meta t-Tribunal ikkonsidra l-fatti u l-provi kollha ma setax jasal ghal konklusjoni hlief li l-Appellant ghazel minn jheddu biex jisfida l-kumpanija meta mar kontra l-ordnijiet biex jidhol ghax-xoghol fil-Gimgha l-Kbira, apparti minn nuqqasijiet gravi ohrajn matul l-impieg tieghu.

Ghalhekk, it-Tribunal jiddikjara li kien hemm ragunijiet validi ghat-tkeccija tas-Sur Anthony Polidano minn mal-kumpanija Messrs Hard Rock Limited.

B'din id-decizjoni, it-Tribunal Industrijali ttemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

STANLEY J A CLEWS
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 13 ta' Novembru, 1984

ja